**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 15 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Bernard Charles Spiteri**
**u Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Natale Bonello**
**(ID 568675(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Natale Bonello ta' 40 sena, iben Joseph u Emanuela nee` Hili, imwieled gewwa San Giljan nhar it-2 ta' Frar 1975, residenti gewwa 27, Flat 3, Triq Sant'Antnin, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 568675(M);

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Settembru 2015 bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m. u fil-gimghat ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar id-9 ta' Settembru 2015, bejn is-2.00 p.m. u 2.30 p.m. waqt li kien qieghed fuq il-karozza tal-linja bin-numru 367, li kienet ghaddejja minn Triq ix-Xatt, Sliema bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` serq ta' flus kontanti u oggetti ohrajn li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta

bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Jean Harris u John Leslie Willets;

2. U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn l-9.45 a.m. u l-10.00 a.m. waqt li kien qieghed fi Triq it-13 ta' Dicembru, Nadur, Ghawdex, minn fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Dyna, bil-pjanca tar-registrazzjoni HAT 219, ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Victor Attard, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 bejn il-11.15 a.m. u l-11.30 a.m. waqt li kienu qeghdin fi Triq Kercem, Rabat, Ghawdex, minn gewwa l-istabbiliment 'Mizzi Hardware', ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur taghhom jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' George Mizzi, liema serq huwa aggravat bil-valur;

4. U aktar talli nhar il-11 ta' Gunju 2015 ghall-habta tal-11.30 a.m. waqt li kien qieghed fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, minn gewwa l-istabbiliment 'JA Vella Households' ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur taghhom ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-dannu ta' Claire Vella;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser Ordni ta' *Probation* moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella nhar il-11 ta' Gunju 2015;

6. U aktar talli nhar il-31 ta' Lulju 2015 u fil-gimghat ta' qabel, fil-Gzejjer Maltin xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi ghalkemm waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2016, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermatha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissietu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed sabiex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi ghalkemm originarjament dawn il-proceduri ttiehdu fil-konfront tal-imputat u ta' Jason (Jason John) Azzopardi, fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2016 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fir-rigward tal-imputat odjern, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti, sabiex ghalhekk issa ser tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tal-istess imputat ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi minkejja li l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, wara li li l-Qorti fliet il-provi mressqa jidhrilha li ma tistax issib lill-istess imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet:

L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirreferi ghar-reat ta' attentat ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa fid-9 ta' Settembru 2015 <u>bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m.</u> Jirrizulta madankollu mill-provi illi l-fatti li taw lok ghal din l-imputazzjoni sehhew qabel l-imsemmi hin u dan ghaliex fix-xhieda taghha, WPS 63 Janet Zammit tghid illi fid-9 ta' Settembru <u>fis-2.00 p.m</u>., hija rceviet telefonata mill-*police control room* fejn membri tar-*Rapid Intervention Unit* talbu l-assistenza ta' mara u dan stante li kienu gew arrestati zewg nisa fuq suspett ta' *pick pocketing.* Kien ghalhekk illi hija marret fuq il-post, flimkien ma' PC 912 u PC 1084, fejn hemmhekk il-pulizija tal-RIU kellhom maghhom iz-zewg suspettati, fosthom l-imputat odjern.[1] Jirrizulta ghalhekk illi sal-hin tas-2.00 p.m., l-imputat odjern diga` kien gie mwaqqaf u arrestat, li jfisser necessarjament illi l-fatti li taw lok ghal din l-imputazzjoni sehhew qabel il-hin tas-2.00 p.m. L-istess xhud WPS 63 Janet Zammit, imbaghad, ikkonfermat ukoll ir-rapport taghha (esebit a fol. 42

[1] Ara x-xhieda ta' WPS 63 Janet Zammit, a fol. 97 tal-process.

tal-process) li jindika illi "*there was an alleged theft on board Bus no 12 at around 13.30 hrs*".[2] Fix-xhieda tieghu, PC 1084 Sven Sammut jikkonferma illi huwa nizel ix-Xatt ma' WPS 63 mill-Ghassa ta' Tas-Sliema u li dan kien fil-jum in kwistjoni, bejn is-2.30 p.m. u t-3.00 p.m.[3] Anke PS 912 Gilmore Bugeja jghid illi huma mar gewwa Triq ix-Xatt, Sliema flimkien ma' WPS 63 u PC 1084 fejn ra lil zewg pulizija tal-RIU flimkien mal-imputat odjern u Azzopardi u li dan kien wara s-2.30 p.m.[4] Ix-xhieda ta' PS 912 u PC 1084 ghalhekk tikkonferma dak li xehdet WPS 63 Janet Zammit fis-sens illi hija rceviet it-telefonata li xehdet dwarha fis-2.00 p.m., meta allura kif inghad, il-fatti in kwistjoni kienu diga` sehhew.

Minn dawn il-fatti jirrizulta allura illi l-ammissjoni tal-imputat hija kunfliggenti mal-provi l-ohrajn li hemm fl-atti, stante illi minn dawn tal-ahhar, jirrizulta illi huwa kkommetta r-reat lilu addebitat fl-ewwel imputazzjoni mhux fid-9 ta' Settembru 2015 bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m., izda f'xi hin qabel. Ghalhekk l-imputat ammetta ghal fatti li ma gewx kommessi minnu fil-hin indikat fl-imputazzjoni in kwistjoni, izda f'hin qabel. Illi dwar il-valur probatorju tal-ammissjoni maghmula mill-persuna imputata inghad hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995[5]:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li* ***fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***" (sottolinear tal-Qorti).

Illi fil-kaz odjern ghalkemm ma jistax jinghad illi l-imputat ma fehemx in-natura tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu jew illi ma kinitx l-intenzjoni tieghu li

---

[2] A fol. 45 tal-process. Dwar dan il-hin, anke Jean Harris tghid illi hija telghet fuq il-karozza tal-linja ghall-habta tas-1.30 p.m., ghalkemm ma setghetx tiftakar il-hin preciz.
[3] Ara x-xhieda ta' PC 1084 a fol. 179 tal-process.
[4] A fol. 185 u 186 tal-process.
[5] Vol.LXXIX.v.1538.

jammetti ghal din l-imputazzjoni, biss jirrizulta mill-fatti esposti illi l-Qorti ma tistax issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni billi dawn ma sehhewx fil-hin indikat fl-istess imputazzjoni. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn f'dak il-kaz, l-appellant kien gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-7.30 p.m., meta l-provi mressqa kienu dwar incident li sehh ghall-habta tas-7.30 a.m.:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*"

F'dan il-kaz, kien ikun xort'ohra li kieku l-imputazzjoni in kwistjoni giet redatta b'tali mod sabiex tirreferi ghall-hin tar-reat bil-kliem "ghall-habta ta'", izda minflok din tirreferi ghall-hin specifiku bejn is-2.00 p.m. u s-2.30 p.m. Huwa car ghalhekk illi minkejja l-ammissjoni tieghu, l-imputat ma jistax jinstab hati dwar din l-imputazzjoni billi din tirreferi ghall-hin differenti minn dak li fih sehhew il-fatti li wasslu ghall-istess imputazzjoni u ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-bqija tal-imputazzjonijiet, fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u anke fid-dawl tal-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati dwar dawn l-imputazzjonijiet.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, illi l-valur tar-*res furtiva* kien f'ammonti ta' €180, €400 u €60 rispettivament u li dwar is-serq ikkontemplat fir-raba' imputazzjoni, ir-*res furtiva* ossia s-somma ta' €60 giet ritornata lura lill-vittma.

Qieset ukoll il-fedina penali refrattarja tal-imputat odjern, liema fedina penali tikkonsisti f'ben sitta u ghoxrin faccata u tikkonsisti *inter alia* f'diversi kundanni dwar serq aggravat (f'seba' okkazzjonijiet) u serq semplici (f'hames okkazzjonijiet), apparti kundanni ohrajn dwar reati ohra, fil-maggor parti taghhom in konnessjoni ma' tlajjar ghal skopijiet immorali jew ta' prostituzzjoni. Qieset ukoll illi mill-fedina penali jirrizulta wkoll illi l-imputat inghata sentenza ta'

prigunerija sospiza fi tmien okkazzjonijiet, liberazzjoni kundizzjonata ghaxar darbiet u gie illiberat minghajr kundizzjoni darbtejn, apparti li nghata Ordni ta' *Probation* f'erba' okkazzjonijiet. Dan apparti li nghata sentenzi ta' prignerija effettiva wkoll. Ghalhekk jidher illi minkejja li matul dawn l-ahhar ghoxrin sena, l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, xorta wahda m'gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u kompla fit-triq tal-kriminalita`.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi r-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati gew kommessi minnu fil-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* imposta fuqu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Gunju 2015 esebita a fol. 159 tal-process, skond liema sentenza, l-imputat odjern gie mqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet snin. Permezz ta' din is-sentenza, fuq ammissjoni tieghu stess, l-imputat kien instab hati ta' zewg serqiet ikkwalifikati bil-valur u talli rrenda ruhu recidiv. Il-Qorti sejra ghalhekk titratta mal-hati dwar dawn ir-reati u qieset ghal dan il-ghan, illi fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet, l-ammissjoni tal-imputat kienet wahda bikrija, kif jirrizulta mis-sentenza esebita.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(c) u (g), 267, 271, 279(a), 281, 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u fil-waqt illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni, qeghda titratta mal-hati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom kien instab hati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikaturi Kriminali tal-11 ta' Gunju 2015 daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk l-imputazzjonijiet u ghal kull buon fini qeghda tikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-imputazzjonijiet mertu ta' dik is-sentenza, qeghda tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li hawnhekk qed jinstab hati taghhom (inkluz ghalhekk dwar l-imputazzjonijiet mertu tas-sentenza tal-11 ta' Gunju 2015 li mieghu qeghda titratta kif inghad), ghall-piena komplessiva ta' **ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva** li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li qed jinstab hati taghhom permezz ta' din is-sentenza.

Stante illi din giet iddikjaratha mill-Prosekuzzjoni bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohrajn, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm residenzjali ghal dan il-ghan.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Habs.

Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat